Dok. 136 (3)

Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 384/2007

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Lionel Gerada**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Settembru, 2007, ghall-habta tal-11.00 a.m. f'Sa Maison, Pieta' :

1. saq mutur nru. HBE-279 ta' ghamla "Hyosung" u ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra (FBA-626) minn dik moghtija mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari;
2. saq l-istess mutur u ghamel uzu minn pjanci tan-numri tar-registrazzjoni ohra nru. FBA-626 li jappartjenu lil mutur iehor ta' ghamla "Honda VT700";
3. kif ukoll saq l-imsemmi mutur ta' ghamla "Hyosung" nru. HBE-279 u bil-hsieb li jqarraq b'kitba, tpingija, jew

b'mod iehor, biddel, hassar, sfigura jew zied xi haga f'licenzja ta' xi vettura bil-mutur, jew qieghed fuq vettura licenzja lit kun giet mibdula, imhassra, sfigurata jew li jkun gie mizjud xi haga fiha, cioe' uza kopja ta' licenzja ohra ta' vettura ohra nru. GAU-623 ta' ghamla "Toyota Hilux";

4. fl-imsemmija data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-istess mutur nru. HBE-279 ta' ghamla "Hyosung" minghajr ma kien licenzjat mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex jintuza fit-triq (licenzja tal-mutur mhux imgedda/mutur garaxjat);

5. saq l-istess mutur nru. HBE-279 ta' ghamla "Hyosung" minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmi mutur;

6. b'hekk saq mutur meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Novembru, 2007, li biha, wara li rat ir-Reg. 34(5), 51(5), 51(6), 51(3), 14 u 51(7)(a) tal-A.L. 476/2004, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-ewwel, it-tieni w it-tielet imputazzjoni ghall-piena komplessiva ta' LM200 multa, ghar-raba' w il-hames imputazzjoni ghall-piena komplessiva ta' LM50 multa, w ghas-sitt imputazzjoni ghall-piena ta' LM1000 multa.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-5 ta' Novembru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar wahda mill-ewwel zewg akkuzi w tilliberah minn wahda minnhom, tirrevokaha dwar it-tielet akkuza, tikkonfermaha dwar ir-raba' akkuza, tikkonfermaha dwar il-hames akkuza, w tilliberah mis-sitt akkuza, w fi kwalunkwe kaz taghti piena li taghmel aktar ghall-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. L-ewwel u t-tieni akkuza huma ripetizzjoni tal-istess reat fis-sustanza; 2. Dwar it-tielet akkuza dak li allegat il-prosekuzzjoni ma kienx jikkostitwixxi l-fatt-reat li hemm dedott. Biex isir dar-reat hemm bzonn li "*l-licenzja tkun mibdula, mhassara, sfigurata, jew ikun mizjud xi haga fiha*" F' dal-kaz la kien hemm tibdil, la kien hemm thassir, la kien hemm sfigurar u lanqas ma kien xejn mizjud. L-interpretazzjoni estensiva mhux permessa f' materja penali. Li taghmel kopja ta' licenzja ohra mhix l-ipotesi jew wahda mill-ipotesijiet tal-ligi penali. 3. Dwar is-sitt akkuza jidher li din hija bazata fuq il-kuncett zbaljat li ghadu jippersisti li meta persuna ma jkollhiex licenzja, ergo ma hemmx kopertura tal-assikurazzjoni. Skond il-gurisprudenza, illum ma jistax jinghid li hemm in-ness konsegwenzjali ta' nuqqas ta' licenzja w ghalhekk bil-fors irid ikun hemm nuqqas ta' *insurance.* 5. Dwar il-piena, s-sospensjoni tal-licenzja hija gravuza w tista' ttellef ix-xoghol tal-appellant.

Semghet ix-xhieda mill-gdid fl-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi x-xhieda li nstemghu quddiem din il-Qorti jistghu jigu riassunti kif gej :-

**CHRISTOPHER DARMANIN**, rapprezentant tal-Awtorita' Dwar it-Trasport (ADT), xehed li l-mutur numru HBE 279 Hyosung ta' kulur orange u iswed kien registrat f' isem l-appellant fit-8 t' Awwissu, 2007. Dan pero' kien "garaged" mit-8 t' Awwissu sal-11 ta' Settembru, 2007 ma kienx licenzjat biex ikun fuq it-triq u fil-fatt gie hekk licenzjat biss fil-11 ta' Settembru, 2007. Il-Mutur Honda VT 700 orange numru FBA 626 mid-9 ta' Marzu, 2001 kien registrat f' isem Christopher James Cachia w baqa' hekk sad-9 ta'

Settembru, 2007. Kien licenzjat. Il-vettura Toyota Hylux GAU 623 kienet registrata fuq Charles Gerada mis-sena 2002 u l-licenzja taghha hija imhallsha *"up to date"*. L-appellant kellu licenzja Kategorija "B" mill-25 ta' Novembru, 2005 biex isuq il-karozzi. Il-Kategorija "A" biex isuq il-muturi gabha biss fit-28 ta' Settembru, 2007.

**PS 587 JOSEPH MALLIA** xehed li fid-9 ta' Settembru, 2007, kien qieghed ma pellegrinagg tal-muturi w tas-Sliema kien osserva mutur Hyosung bin-numru FAB 626. Meta hu vverifika mal-*control room,* irrizultalu li dak in-numru ma kienx jaqbel ma dak il-mutur imma ma Honda 700. Hu ilu fit-*traffic section* ghal dawn l-ahhar sbatax il-sena w ghandu esperjenza dwar din il-materja. Saq wara l-appellant u waqqfu tal-Pieta'. Talbu id-*driving licence* u l-*particulars* u l-appellant qallu li kollox sew kellu.L-appellant mar id-Depot u irrizulta li Hyosung jghajjat lil-appellant u kien xtrah minnghand Cycleworld bil-pjanci "*Garaged*" . Pero' l-appellant kien wahhal fotokopja ta' licenzja fuqu bin-numru GAU 623 tal-van ta' missieru u wahhal il-pjanci tal-Honda li kienu gew minnghand Christopher James Cachia, li sellifhomlu biex ikun jista' johrog ghall-pellegrinagg. L-appellant irrizulta li ma kellux licenzja biex isuq mutur. Ma kienx qed jitkessah l-appellant fis-sewqan dak in-nhar.

**L-APPELLANT** la xehed quddiem l-Ewwel Qorti w ergo lanqas iddepona quddiem din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi dwar l-ewwel aggravju jidher li bis-sewqan w uzu ta' mutur bi pjanci mhux tieghu hu kiser zewg dispozizzjonijiet tal-ligi, wahda li saq u ghamel uzu minn **marka ta' registrazzjoni** xort' ohra minn dik moghtija mill-ADT u cioe' mic-certifikat tal-licenzja w l-ohra li saq u ghamel uzu minn **pjanci tan-numru ta' registrazzjoni** ohra w li jappartjenu ghal-mutur iehor. Ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun meta jghid li dan hu l-istess reat. Pero', f' kull kaz hawn hemm il-konkors ideali jew formali fejn fatt uniku jaghti lok ghall-ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-ligi u ghalhekk ghall-fini tal-piena jkun

hemm l-assorbiment ta' reat f' iehor. Di fatti l-Ewwel Qorti erogat piena wahda ghal dawn iz-zewg reati. Ghalhekk dan l-aggravju hu infondat.

Illi ghar-rigward tat-tieni aggravju, dan ukoll hu infondat ghax din l-imputazzjoni tipotizza ukoll fil-kliem testwali tal-komparixxi il-kaz fejn il-hati jkun : *"qieghed fuq vettura licenzja li tkun giet mibdula"* fatt li jirrizulta abbondantement f' dan il-kaz. Hawn ma hawn ebda estensjoni tat-tifsira tal-ligi imma interpretazzjoni logika w bis-sens tal-ligi. Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar is-sewqan bla kopertura ta' polza ta' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi, l-appellant qed jinvoka zewg sentenzi moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-Appelli Kriminali **"Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi"** [3.11.2005] u **"Il-Pulizija vs. Charles Galea"**[3.5.2007]. F' din l-ahhar sentenza din il-Qorti rrikonciljat xi diskrepanza apparenti li tista' tidher li hemm bejn diverisi dispozizzjonijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, dwar l-oneru tal-prova tal-ezistenza ta' polza tal-assikurazzjoni f' kaz ta' dan it-tip ta' reat.

Fil-kaz ta' **Galea**, l-appellant kien invoka s-sentenza ta' din il-Qorti : **"Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi"** [3.11.2005], fejn il-fattispecji kienu li Scuderi, fiz-zmien imsemmi fl-akkuza, ma kellux licenzja tas-sewqan pero' kien irrizulta li l-vettura minibus li kien qed isuq kienet koperta b' polza ta' assikurazzjoni.

F' dik il-kawza (ta' **Scuderi**) l-appellant kien silet b'success argument mill-artikolu 10(1) tal-Kap.104 li jghid testwalment hekk ;-

*"Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta' sigurta' taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta' li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta' koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f' dan il-kaz, ghad li l-*

*assikuratur awtorizzat ikun jista' jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta' flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta' fuq imsemmija ...."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Is-subartikoli (2) u (3) umbaghad jelenkaw serje ta' eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta' hlas.

Illi din il-Qorti kienet allura ddecidiet li minn din id-dicitura ta' dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta' ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, d-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minnhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa' l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-polza kontra r-risjki ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat.

Il-kaz ta' **Galea,** bhala fattispecji, kien simili hafna ghal dak ta' **Scuderi,** fejn ukoll irrizuta li l-appellant kien qed isuq Mini Bus li kien assikurat pero' hu ma kellux licenzja.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu f' dak il-kaz, l-Avukat Generali kien issottometta li d-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 10 tal-Kap. 104 iridu jinqraw flimkien ma dak li jipprovdi w jistipula l-artikolu 3 tal-Kap. 104 il-ghaliex, fin-nuqqas li dan isir, mhux biss l-intenzjoni tal-legislatur ma tkunx qed tigi osservata, izda aktar minn hekk tkun qed tinholoq anomalija legali fis-sens illi dak li fl-ewwel nifs jipprospetta l-legislatur fl-artikolu 3 tal-Kap.104 jkun kontradett f' nifs iehor fl-artikolu 10 ta' l-istess Att, b' rizultat li johloq incertezza kbira mhux biss ghall-Qrati dwar fuq min jinkombi l-oneru tal-prova f' dawn it-tipi ta' kawzi izda

johloq incertezza f' mohh kull sewwieq ta' vettura w tal-kumpaniji assikuratrici dwar kif ghandhom jirregolaw ruhom f' dawn it-tipi ta' kazijiet.

Illi l-Avukat Generali kien ukoll issottometta li bejn l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti lill-artikolu 10 (1)(2) u (3) fil-kaz ta' **Scuderi** fuq citat u l-artikolu 3 (1A) tal-Kap.104 jista' jkun hemm certa kontradizzjoni apparenti

Din il-Qorti pero' kienet irriteniet li fil-fehma taghha din il-kontradizzjoni kienet biss apparenti w tista' tigi rikonciljata. Di fatti fejn ikun jidher *prima facie* ghall-prosekuzzjoni minn verifiki preliminari mal-Awtorita' Dwar it-Trasport li l-vettura involuta fil-kaz tkun licenzjata biex tkun fit-triq u allura, bis-sistema amministrattiv prevalenti llum, necessarjament koperta b' polza ta' assikurazzjoni, kif inhu l-kaz ta' Galea w kif kien dak ta' **Scuderi,** jibqa' dejjem jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li, jekk trid, tipprova li l-kaz tad-driver li ma jkunx licenzjat ma jkunx kopert skond il-polza vigenti kopert bl-istess polza.

Invece, fejn dan ma jkunx il-kaz u anki l-vettura ma tkunx licenzjata ghat-triq u allura possibilment ukoll ma tkunx koperta b' polza, tiskatta il-prezunzjoni kontenuta fl-artikolu 3 (1A) tal-Kap. 104 li titfa' l-oneru li jkun hemm polza ta' assikurazzjoni mahruga taht l-art. 4(4) tal-Ordinanza fuq il-persuna akkuzata.

Fl-ewwel kaz, ladarba l-vettura tkun licenzjata, l-Awtorita' Dwar it-Trasport tkun taf ma min hi assikurata l-vettura w din hija facilment identifikabbli ghall-prosekuzzjoni w tkun tista' tigi ngunta biex tiddeponi dwar il-kontenut tal-polza w xi ezenzjonijiet jew limitazzjonijiet li tista' tikkontjeni fit-termini tal-art. 10 tal-Kap.104, billi okkorrendo anki tesibixxi kopja tal-istess polza. F' kazi bhal dawn ikun assurd li ghalkemm jirrizulta car li hemm polza, tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art.3 (1A) li ma hemmx polza.

Fit-tieni kaz, fejn zgur mhux possibbli ghall-prosekuzzjoni li tindovna jekk ikunx hemm assikurazzjoni u, jekk ikun hemm, liema tkun id-ditta assikuratrici, ovvjament mhux mistenni mill-Prosekuzzjoni li tingungi lir-rapprezentanti

tal-assikurazzjonijiet kollha tal-pajjiz biex taghmel il-prova li fuq dik il-vettura ma jkunx hemm polza. Ghalhekk jaghmel hafna sens li hawn tiskatta l-prezunzjoni kontenuta fl-art. 3 (1A) bl-inversjoni tal-oneru tal-prova kontra l-persuna akkuzata bir-reat ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza t' assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi.

Ikkonsidrat ;

Issa fl-istat tal-provi kif inhu, jirrizulta mix-xiehda tal-prosekuzzjoni li l-mutur li kien isuq l-appellant, minkejja li kien registrat fuq ismu bhala sid, ma kienx licenzjat biex jinsaq fit-triq ghax kellu l-pjanci "***garaged***".

Mill-indagni preliminari li saret mill-pulizija ma rrizulta bl-ebda mod li l-mutur, nonostante li ma setax jintuza fit-triq ghax suppost kien "***garaged***", kien assikurat ma xi ditta tal-asskurazzjoni b' polza kontra r-risjki ta' terzi. Fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, l-oneru tal-prova li kien hemm tali polza kien jisposta ruhu allura fuq l-appellant. U, in difett ta' tali prova, jiskatta d-dispozittiv tal-artikolu 3 (1A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, mizjud bl-Att XXX tal-2002, li jghid:-

**"Ikun prezunt li ma kienx hemm polza ta' assikurazzjoni fis-sehh...kemm il-darba min jigi akkuzat b' reat taht is-subartikolu (1) ma jgibx prova kuntrarja billi juri certifikat ta' l-assikurazzjoni mahruq taht is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 4 ta' din l-Ordinanza."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa l-kaz odjern ghalhekk ghandu fattispecji differenti minn dawk ta' **Scuderi** w ta' **Galea** fuq citati w ghalhekk f' dan il-kaz id-decizjoni mehuda fihom ma tapplikax. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qed jigi respint.

Dwar l-ahhar aggravju li jirrigwarda l-piena, w li fis-sottomissjoni tal-appellant jolqot l-aktar il-periodu tas-sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan, din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn irribadiet li fejn persuna tkun tuza l-vettura ghax-xoghol trid toqghod ferm aktar attenta li ma tikkontravjenix il-ligijiet tat-traffiku jew dawk tal-

assikurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni. Inkella tkun hi stess li tkun qed tipperikola x-xoghol jew l-impieg taghha. Kieku l-Qrati, f' dawn il-kazijiet, jaghmlu preferenza mal-hatjin semplicement ghax ikunu juzaw il-vetturi bil-mutur ghax-xoghol taghhom, ikunu qed jistultifikaw l-iskop tal-ligi. Il-piena mandatorja ta' sena skwalifika tal-licenzji tas-sewqan tohrog mill-art 3 (2A) tal-istess Kap.104 ghal min isuq minghajr kopertura ta' assikurazzjoni w f' dan il-kaz din il-Qorti ma tarax li hemm "ragunijiet specjali" li tordna mod iehor, kif tista' taghmel skond l-istess subartikolu. Ma kien hemm ebda necessita' jew bzonn impellenti biex l-appellant johrog b' mutur mhux licenzjat u mhux assikurat biex jiehu parti f' pellegrinagg! Ghalhekk anki dan l-ahhar aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. Il-periodu ta' sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan jibda' jiddekorri minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------